

Brussell, 11 ta' Marzu 2021  
(OR. en)

6801/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2020/0379(COD)**

---

**CODEC 324**  
**AGRILEG 38**  
**SEMENCES 13**  
**PE 18**

## **NOTA TA' INFORMAZZJONI**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2003/17/KE u 2005/834/KE fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post u tal-ekwivalenza tal-kontrolli fuq il-prattiki għaż-żamma tal-varjetajiet ta' speċijiet ta' pjanti agrikoli mwettqa fir-Renju Unit - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, 8 - 11 ta' Marzu 2021)

---

### **I. INTRODUEZZJONI**

Fit-3 ta' Frar 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li jekk il-Parlament Ewropew japprova l-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq mingħajr emendi, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, Norbert LINS (PPE, DE) ressaq il-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni. Ma ġiet ippreżentata ebda emenda.

## II. VOT

Meta vvota fl-10 ta' Marzu 2021, il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni. Din il-pożizzjoni tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament tal-11 ta' Marzu 2021 kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument.

Għalhekk il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

---

## **P9\_TA-PROV(2021)0078**

### **Ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post u ekwivalenza tal-kontrolli fuq il-prattiki għaż-żamma tal-varjetajiet ta' speċijiet ta' pjanti agrikoli mwettqa fir-Renju Unit \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2021 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2003/17/KE u 2005/834/KE fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post u tal-ekwivalenza tal-kontrolli fuq il-prattiki għaż-żamma tal-varjetajiet ta' speċijiet ta' pjanti agrikoli mwettqa fir-Renju Unit (COM(2020)0853 – C9-0431/2020 – 2020/0379(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0853),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0431/2020),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' Jannar 2021<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Marzu 2021 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċizzjoni (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċizzjonijiet tal-Kunsill 2003/17/KE u 2005/834/KE fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post u tal-ekwivalenza tal-kontrolli fuq il-prattiki għaż-żamma tal-varjetajiet ta' speċijiet ta' pjanti agrikoli mwettqa fir-Renju Unit**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>2</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>3</sup>,

---

<sup>2</sup> L-opinjoni tas-27 ta' Jannar 2021 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>3</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2021.

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE<sup>4</sup> tipprevedi li, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fuq ċerti uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa fil-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I għal dik id-Deċiżjoni għandhom jitqiesu ekwivalenti għall-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u li, taħt ċerti kundizzjonijiet, iż-żerriegħa ta' ċerti speċijiet prodotta f'dawk il-pajjiżi terzi għandha titqies ekwivalenti għaż-żerriegħa prodotta f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/834/KE<sup>5</sup> tistabilixxi regoli dwar l-ekwivalenza tal-kontrolli fuq il-prattiki għaż-żamma tal-varjetajiet imwettqa f'ċerti pajjiżi terzi. Hija tipprevedi li l-kontrolli uffiċjali fuq il-prattiki għaż-żamma tal-varjetajiet imwettqa f'dawk il-pajjiżi terzi u mill-awtoritajiet elenkati fl-Anness għal dik id-Deċiżjoni, għall-ispeċijiet koperti mid-Direttivi msemmija għal kull wieħed minn dawk il-pajjiżi terzi, għandhom jipprovdu l-istess garanziji bħal dawk imwettqa mill-Istati Membri.

---

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE tat-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-pajjiżi terzi fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa prodotta fil-pajjiżi terzi (ĠU L 8, 14.1.2003, p. 10).

<sup>5</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/834/KE tat-8 ta' Novembru 2005 dwar l-ekwivalenza tal-kontrolli, rigward il-prattika għaż-żamma ta' varjetajiet, imwettqa f'pajjiżi terzi u li temenda d-Deċiżjoni 2003/17/KE (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 51).

- (3) Ir-Renju Unit ittraspona u implimenta b'mod effettiv id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE<sup>6</sup>, 66/402/KEE<sup>7</sup>, 2002/53/KE<sup>8</sup>, 2002/54/KE<sup>9</sup>, 2002/55/KE<sup>10</sup> u 2002/57/KE<sup>11</sup>, kif ukoll l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dawk id-Direttivi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni jistabbilixxu r-regoli li fuq il-bażi tagħhom dawk id-Direttivi jirrikonoxxu l-ekwivalenza kkonċernata.
- (4) Il-liġi tal-Unjoni, inklużi d-Deċiżjonijiet 2003/17/KE u 2005/834/KE, kienet applikabbli għar-Renju Unit u fih, matul il-perjodu ta' tranżizzjoni li ntemm fil-31 ta' Diċembru 2020, f'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika<sup>12</sup> (il-Ftehim dwar il-ħruġ), u b'mod partikolari mal-Artikolu 126 u mal-Artikolu 127(1) tiegħu.
- (5) Fid-dawl tat-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ, ir-Renju Unit issottometta talba lill-Kummissjoni għar-rikonoxximent tal-ekwivalenza, mill-1 ta' Jannar 2021, ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf, ta' żerriegħa taċ-ċereali, ta' żerriegħa tal-pitravi, ta' żerriegħa tal-ħxejjex u ta' żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra prodotti fir-Renju Unit għal żerriegħa ta' pjanti tal-għalf, għal żerriegħa taċ-ċereali, għal żerriegħa tal-pitravi, għal żerriegħa tal-ħxejjex u għal żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra prodotti fl-Unjoni u f'konformità mad-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE.

---

<sup>6</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf (ĠU L 125, 11.7.1966, p. 2298).

<sup>7</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież (ĠU L 125, 11.7.1966, p. 2309).

<sup>8</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-varjetajiet komuni ta' katalgi ta' speċi ta' pjanti agrikoli (*ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1*).

<sup>9</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq ta' żerriegħa tal-pitravi (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 12).

<sup>10</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex (*ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33*).

<sup>11</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra (*ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74*).

<sup>12</sup> ĠU L 29 , 31.1.2020, p. 7.

- (6) Ir-Renju Unit talab ukoll ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza fir-rigward tal-kontrolli fuq il-prattiki għaż-żamma tal-varjetajiet imwettqa fir-Renju Unit skont id-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE, u wkoll skont id-Direttiva 2002/53/KE.
- (7) Ir-Renju Unit informa lill-Kummissjoni li l-leġiżlazzjoni tiegħu, li tittrasponi id-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/53/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE mhijiex se tinbidel u tkompli tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.
- (8) Il-Kummissjoni eżaminat il-leġiżlazzjoni rilevanti tar-Renju Unit u l-ekwivalenza tagħha mar-rekwiżiti tal-Unjoni, u kkonkludiet li l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa jitwettqu kif xieraq u jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Anness II tad-Deċizzjoni 2003/17/KE u r-rekwiżiti xierqa tad-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE u 2002/57/KE.
- (9) Għalhekk, u sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil bla bżonn għall-kummerċ wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, huwa xieraq li tiġi rikonoxxuta l-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fir-rigward ta' dawk iż-żrieragħ prodotti fir-Renju Unit u ċċertifikati uffiċjalment mill-awtoritajiet tiegħu.
- (10) Il-Kummissjoni eżaminat il-leġiżlazzjoni rilevanti tar-Renju Unit u l-ekwivalenza tagħha mad-dispożizzjonijiet dwar il-prattiki għaż-żamma tal-varjetajiet skont id-Direttivi 2002/53/KE u 2002/55/KE. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kontrolli fuq il-prattiki għaż-żamma ta' dawk il-varjetajiet imwettqa fir-Renju Unit jagħtu l-istess garanziji bħal dawk imwettqa mill-Istati Membri.

- (11) Għalhekk, huwa xieraq li tiġi rikonoxxuta l-ekwivalenza tal-kontrolli fuq il-prattiki għaż-żamma tal-varjetajiet, kif previst fid-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/53/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE, imwettqa fir-Renju Unit.
- (12) Għalhekk, jenħtieġ li r-Renju Unit jiġi inkluż fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/17/KE u fl-Anness tad-Deċiżjoni 2005/834/KE, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq f'konformità mal-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.
- (13) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjonijiet 2003/17/KE u 2005/834/KE jiġu emendati kif xieraq.
- (14) Fid-dawl tal-fatt li l-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ intemm fil-31 ta' Diċembru 2020, u sabiex tiġi żgurata l-kontinwità, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'urġenza u jenħtieġ li tapplika, b'effett retroattiv, mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

### Emendi għad-Deċiżjonijiet 2003/17/KE u 2005/834/KE

1. L-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/17/KE huwa emendat f'konformità mal-punt 1 tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-Anness tad-Deċiżjoni 2005/834/KE huwa emendat f'konformità mal-punt 2 tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

## Artikolu 2

### Dħul fis-seħħ u data ta' applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*Il-President*

## ANNEX

1. Fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/17/KE, it-tabella hija emendata kif ġej:

(1) ir-ringiela li ġejja tiddaħħal bejn ir-ringieli "CL" u "IL":

"GB**	Department for Environment, Food & Rural Affairs (DEFRA)	66/401/KEE
		66/402/KEE
	Eastbrook	2002/54/KE
	Shaftesbury Road	2002/57/KE
	Cambridge	
	CB2 8DU	

(\*\*) *F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari mal-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.*;

(2) fin-nota (\*) f'qiegħ il-paġna, dak li ġej jiddaħħal bejn "CL— iċ-Ċili," u "IL — l-Iżrael,":

"GB — Ir-Renju Unit,".

2. Fl-Anness tad-Deċiżjoni 2005/834/KE, it-tabella hija emendata kif ġej:

(1) ir-ringiela li ġejja tiddaħħal bejn ir-ringieli "CS" u "IL":

"GB**	Department for Environment, Food & Rural Affairs (DEFRA)	66/401/KEE
		66/402/KEE
	Eastbrook	2002/54/KE
	Shaftesbury Road	2002/55/KE
	Cambridge	2002/57/KE
	CB2 8DU	

(\*\*) *F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari mal-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.*;

(2) fin-nota (\*) f'qiegħ il-paġna, dak li ġej jiddaħħal bejn "CS — Serbja u Montenegro," u "IL — Iżrael,".

"GB — Ir-Renju Unit,".